

**Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)**

11854/23

GAF 23	DEVGEN 148
FIN 788	EJUSTICE 33
AGRIFIN 85	EMPL 380
CADREFIN 107	ENFOCUSTOM 88
COH 60	ENFOPOL 338
COMPET 764	ENV 854
CYBER 187	FISC 169
DATAPROTECT 199	RELEX 896

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 405 final
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Qorti tal-Awdituri: Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi - reviżjoni tal-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 405 final.

Mehmuż: COM(2023) 405 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023
COM(2023) 405 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-QORTI TAL-AWDITURI**

Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi - reviżjoni tal-2023

{SWD(2023) 245 final}

1. INTRODUZZJONI

L-UE qed tiffaċċja sfidi kbar, inklużi l-inflazzjoni, l-irkupru ta' wara l-pandemija, it-tibdil fil-klima u l-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Tali sfidi jpoġġu pressjoni enormi fuq il-baġit tal-UE. Għalhekk huwa aktar importanti minn qatt qabel li l-baġit ikun protett sew u li l-fondi tal-UE jilhqqu r-riċevituri intenzjonati tagħhom. Kull nuqqas ta' dan inaqqas il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE u fl-UE kollha kemm hi.

F'dan l-isfond, issa huwa żmien xieraq biex jitqiesu l-isforzi tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet, u jingħata impetu ġdid għal tali sforzi.

Filwaqt li l-protezzjoni tal-baġit tal-UE hija responsabbiltà kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha¹, il-Kummissjoni Ewropea għandha rwol ewlieni x'taqdi fl-istabbiliment tal-istandards u fil-ħolqien tal-qafas għal din ir-responsabbiltà kondiviża. Strument ewlieni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rwol huwa l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (Commission's Anti-Fraud Strategy, CAFS) u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjaha, bl-aħħar wieħed li jmur lura għal April 2019².

Is-CAFS tal-2019 speċifikat li l-pjan ta' azzjoni jiġi rieżaminat u emendat kif xieraq. Illum, ir-realtajiet il-ġodda li qed tiffaċċja l-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tiproteġi l-baġit tal-UE jappellaw għal tali reviżjoni. L-għan huwa li jkun hemm pjan ta' azzjoni mmirat u li jħalli impatt li jindirizza l-isfidi akbar li qed tiffaċċja l-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi filwaqt li jibni fuq il-ħidma li saret skont il-pjan ta' azzjoni tal-2019.

Bħall-predeċessor tiegħu, il-pjan ta' azzjoni rivedut jipprova jsaħħaħ il-partijiet kollha taċ-ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-korrezzjoni. Huwa jikkomplementa għadd ta' inizjattivi ta' politika reċenti jew li għaddejjin bħalissa, bħall-proposta għal Korp tal-Etika interistituzzjonali³, il-Pakkett kontra l-korruzzjoni⁴, ir-riformulazzjoni li għaddejjja tar-Regolament Finanzjarju⁵, il-mekkaniżmu tal-Istat tad-Dritt⁶ u l-mekkaniżmu ta' Kondizzjonalità⁷.

Jikkomplementa wkoll l-investigazzjonijiet indipendenti mwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (European Anti-Fraud Office, OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

Din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata mill-pjan ta' azzjoni rivedut.

2. TĦEJJIJA TAL-PJAN TA' AZZJONI RIVEDUT

Il-pjan ta' azzjoni rivedut huwa r-riżultat ta' proċess estensiv ta' konsultazzjoni interna tal-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tan-*Network* għall-Prevenzjoni u d-Detezzjoni tal-Frodi (Fraud Prevention and Detection Network, FPDNet) li fih huma rappreżentati d-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi kollha tal-Kummissjoni. Il-proċess tmexxa mill-OLAF, bħala d-dipartiment ewlieni tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-president tal-

¹ L-Artikolu 325(1) TFUE.

² COM/2019/196 final u SWD(2019)170 final.

³ COM(2023) 311 final

⁴ JOIN(2023) 12 final, COM(2023) 234 final / 2023/0135(COD).

⁵ COM(2022) 223 final.

⁶ COM(2019) 163 final, COM(2019) 343 final.

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092.

FPDNet. Il-konklużjoni ewlenija ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni hija li filwaqt li tibqa' valida s-CAFS tal-2019, il-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjaha jeħtieġ li jiġi aġġornat għal għadd ta' raġunijiet.

L-ewwel nett, l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2019 hija fil-biċċa l-kbira tagħha kompluta. Sal-lum, 60 mit-63 azzjoni ġew iffinalizzati jew, fil-każ ta' azzjonijiet ripetittivi jew kontinwi bħat-taħriġ, għadhom għaddejjin⁸. Huma meħtieġa azzjonijiet ġodda biex jiġi żgurat progress sostnut fi kwistjonijiet kontra l-frodi.

It-tieni, seħħew għadd ta' żviluppi importanti mill-2019 'l hawn, inklużi l-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-ġdid għall-2021-2027, it-tnedija tan-NextGenerationEU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF), u l-bidu tal-operazzjonijiet tal-UPPE.

Sabiex iħejji għar-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni, l-OLAF wettaq evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2019 permezz ta' sfharriġ fost id-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni. Skont l-istħarriġ, l-aktar miżuri utli tal-pjan ta' azzjoni tal-2019 huma relatati mat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-frodi, it-tisħiħ tal-ġhodod għall-prevenzjoni tal-frodi bbażati fuq l-IT, il-ħidma tal-FPDNet u t-titjib tal-istrateġiji kontra l-frodi.

L-evalwazzjoni pprovdiet ukoll bosta ideat għal azzjonijiet ġodda li għandhom jiġu inklużi fil-pjan rivedut, b'mod partikolari dwar l-użu tal-estrazzjoni ta' data u ġhodod oħra tal-IT, il-kooperazzjoni mal-UPPE u mal-aġenziji deċentralizzati.

Barra minn hekk, l-OLAF ġabar u analizza r-riskji ewlenin ta' frodi identifikati mid-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni, biex jidentifika r-riskji ta' frodi l-aktar komuni u sinifikanti. Ġew identifikati r-riskji ewlenin ta' frodi li ġejjin:

- il-falsifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet u dokumenti fl-akkwist, l-ġhotjiet u n-nefqa amministrattiva;
- il-finanzjament doppju;
- il-kunflitt ta' interess, il-korruzzjoni, il-favoritiżmu jew il-kollużjoni;
- l-użu ħażin ta' informazzjoni privileġġata;
- il-plaġjariżmu;
- l-influenza mhux xierqa;
- kontropartijiet mhux affidabbli;
- l-aċċess bla bżonn għal apparati tal-IT, sistemi, kontijiet bankarji u hacking.

Sorsi importanti ta' materjal għall-pjan ta' azzjoni rivedut huma wkoll ir-riżoluzzjonijiet annwali tal-Parlament Ewropew dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE⁹, ir-rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll l-investigazzjonijiet tal-OLAF.

Permezz ta' laqgħat bilaterali u multilaterali, u konsultazzjoni bil-miktub mad-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni, l-OLAF ġabar aktar minn 200 idea dwar liema azzjonijiet ġodda għandhom jiġu inklużi u liema azzjonijiet għandhom jitkoplew mill-pjan ta' azzjoni tal-2019.

⁸ Il-ftit azzjonijiet li fadal kienu jeħtieġu aġġornament.

⁹ B'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2023 (P9_TA(2023)0018) u tas-7 ta' Lulju 2022 (P9_TA(2022)0300).

L-għażla finali u l-formulazzjoni tal-azzjonijiet ġew iggwidati mill-ambizzjoni li jkun hemm pjan ta' azzjoni mmirat u li jħalli impatt. Barra minn hekk, il-ħtieġa għall-kontinwità tqieset mal-ħtieġa għat-tiġdid u l-innovazzjoni. Ingħatat prijorità lil azzjonijiet li huma marbuta ma' żviluppi ġodda u ma' azzjonijiet li jindirizzaw riskji importanti ta' frodi.

3. IS-SEBA' TEMI TAL-PJAN TA' AZZJONI RIVEDUT

L-44 azzjoni huma miġbura skont seba' temi li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi.

1. It-trawwim tad-diġitalizzazzjoni u l-użu ta' għodod tal-IT għall-ġlieda kontra l-frodi

Il-proċess ta' konsultazzjoni kkonkluda li d-diġitalizzazzjoni għandha tkun prijorità importanti għall-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda tagħha kontra l-frodi. B'mod partikolari, hemm il-ħtieġa ta' aktar soluzzjonijiet korporattivi tal-IT biex il-ġlieda kontra l-frodi ssir aktar effettiva u effiċjenti. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli tesplora l-possibiltajiet biex iżżid id-diġitalizzazzjoni u l-interoperabbiltà. Hemm ukoll il-ħtieġa li jkompli jissaħħa u jitwessa' l-użu ta' għodod eżistenti tal-IT bħal Arachne¹⁰, EDES¹¹, SUMMA¹² u IMS¹³ għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-frodi. Il-kumpanija futura Arachne se tiġi żviluppata għal finijiet ta' kejl tar-riskju u ta' estrazzjoni ta' data fil-modi kollha ta' ġestjoni, filwaqt li l-OLAF se jesplora għażliet diġitali biex jikkomunika aħjar dwar l-investigazzjonijiet tiegħu ma' dipartimenti u Aġenziji eżekuttivi oħra tal-Kummissjoni.

2. L-appoġġ lill-Istati Membri biex isaħħu l-protezzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-fondi ta' koeżjoni, agrikoli u tas-sajd

L-RRF hija strument ġdid, b'mekkaniżmi speċifiċi ta' kontroll u ta' kontra l-frodi. Għalhekk tirrikjedi attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata d-detezzjoni ta' lakuni jew ta' vulnerabbiltajiet għall-frodi. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tipprevjeni u tidentifika l-frodi tal-RFF, b'mod partikolari permezz ta' analiżi bir-reqqa tar-riskji relatati mal-frodi, il-korruzzjoni, il-finanzjament doppju u l-kunflitt ta' interess u permezz ta' awditi ffukati fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Fil-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni għandha rwol importanti x'taqdi b'mod partikolari billi tipprovdi appoġġ u gwida lill-Istati Membri dwar firxa ta' suġġetti, bħal dwar l-iżvilupp ta' strateġiji kontra l-frodi u dwar ir-rappurtar ta' irregolaritajiet u frodi fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). Il-pjan ta' azzjoni jipprevedi li d-dipartimenti tal-Kummissjoni kkonċernati mill-ġestjoni kondiviża u l-OLAF itejbu l-appoġġ immirat tagħhom lill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

¹⁰ Arachne hija għodda integrata tal-IT għall-kejl tar-riskju, l-estraxxjoni ta' data u l-arrikkiment tad-data, żviluppata biex tappoġġa l-awtoritajiet maniġerjali fil-kontrolli amministrattivi u l-kontrolli ta' ġestjoni tagħhom fil-qasam tal-Fondi Strutturali. Arachne tista' tintuża biex tagħti kejl lir-riskji, b'mod partikolari, relatati mal-finanzjament doppju u l-kunflitt ta' interess.

¹¹ L-EDES hija s-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni, żviluppata biex tipprevjeni persuni u entitajiet mhux affidabbli milli jirċievu fondi tal-UE f'ġestjoni diretta u indiretta.

¹² SUMMA hija s-Sistema Finanzjarja Ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea, żviluppata biex tissostitwixxi s-sistema attwali, l-ABAC.

¹³ IMS, is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet, żviluppata biex tippermetti lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi kandidati jissodisfaw l-obbligu legali tagħhom li jirrapurtaw irregolaritajiet relatati man-nefqa lill-Kummissjoni. Abbażi tad-data fl-IMS, il-Kummissjoni twettaq analiżi operazzjonali u strateġika u tippubblika r-Rapport annwali dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

3. It-tisħiħ tal-protezzjoni ta' fondi taħt ġestjoni indiretta u fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni

Il-protezzjoni ta' fondi taħt ġestjoni indiretta hija fdata lill-organizzazzjonijiet sħab. Madankollu, il-Kummissjoni tibqa' responsabbli u trid tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni ta' tali fondi. Għalhekk, is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jridu jirrapportaw il-frodi identifikata b'mod sistematiku lill-Kummissjoni. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tipprowdi aktar appoġġ u sensibilizzazzjoni mmirati lejn tali sħab filwaqt li tinsisti fuq l-obbligi legali tagħhom li jikkooperaw.

4. It-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE fil-ġlieda kontra l-frodi doganali u l-protezzjoni tad-dħul tal-UE

Sabiex tingħata spinta lill-kapaċità tal-UE li tindirizza b'mod effettiv il-frodi doganali, għandhom rwol importanti x'jaqdu l-għodod analitiċi u l-kondiviżjoni tad-data. Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa tali għodod analitiċi u żżid il-kondiviżjoni tad-data. Sabiex tiproteġi d-dħul li jirriżulta mill-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni se tistabbilixxi miżuri biex timminimizza r-riskji ta' frodi assoċjati mal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Frontieri, mal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u ma' riżorsi proprji ġodda oħra.

5. It-tisħiħ tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi

L-arkitettura tal-UE kontra l-frodi tikkonsisti minn għadd kbir ta' atturi li jeħtieġ li jaħdmu flimkien b'mod ikkoordinat biex jiproteġu sa fejn ikun possibbli l-interessi finanzjarji tal-UE. Ix-xenarju dejjem aktar kumpless kontra l-frodi u s-sofistikazzjoni tal-frodaturi jagħmlu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-konfini organizzazzjonali kollha aktar importanti minn qatt qabel. Il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa l-kooperazzjoni ma' sħab ewlenin bħall-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-UPPE għall-ġlieda kontra l-frodi. Se tagħti spinta wkoll lill-appoġġ tagħha lill-aġenziji deċentralizzati u l-impriżi konġunti, tiproteġi ġurnalisti investigattivi bħala sors importanti ta' informazzjoni, u tesplora l-possibbiltà li żżid l-involvement tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-frodi.

6. It-tisħiħ tal-governanza tal-Kummissjoni kontra l-frodi u ż-żamma ta' livell għoli ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn id-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni

Filwaqt li sar progress konsiderevoli f'termini ta' tisħiħ tal-governanza kontra l-frodi u titjib tal-koordinazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-proċessi fil-Kummissjoni, tali sforzi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu sostnuti f'oqsma mmirati biex jibqgħu effettivi u effiċjenti aktar fit-tul. L-OLAF se jkompli jappoġġa lid-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni permezz tal-FPDNet u permezz tal-parir tiegħu dwar l-istrateġiji kontra l-frodi. Barra minn hekk, il-politika kontra l-frodi trid titqies fil-kuntest usa' tagħha tal-politika tal-UE. Il-kunsiderazzjonijiet kontra l-frodi jeħtieġ li jkomplu jiġu integrati f'oqsma oħra ta' politika li huma intrinsikament marbuta mal-ġlieda kontra l-frodi, pereżempju jkomplu jiġu sfruttati l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-istat tad-dritt, u s-sinerġiji.

7. It-tisħiħ tal-kultura tal-etika u l-ġlieda kontra l-frodi fil-Kummissjoni

Hemm hteġa kontinwa li jissaħħaħ l-għarfien u jinżamm livell għoli ta' sensibilizzazzjoni fost il-persunal tal-Kummissjoni rigward kwistjonijiet ta' etika u ta' kontra l-frodi. Kunsiderazzjonijiet etiċi u ta' kontra l-frodi għandhom ikunu rifless naturali għall-persunal kollu tal-Kummissjoni, b'mod partikolari għal dawk li l-kompiti tagħhom jinvolvu l-ġestjoni

jew il-kontroll ta' fondi tal-UE, kif ukoll għall-Membri tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ b'mod gradwali t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni dwar l-etika u kontra l-frodi b'mod olistiku, peress li ż-żewġ suġġetti jimxu id f'id. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ ukoll il-bażi tal-għarfien kontra l-frodi u tintegra l-kunsiderazzjonijiet kontra l-frodi fil-proċess tagħha ta' reklutaġġ.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI U L-MONITORAĠĠ TAL-PJAN TA' AZZJONI RIVEDUT

L-OLAF se jikkoordina u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni rivedut u se jaġġorna b'mod regolari lill-Bord tal-Ġestjoni Korporattiva tal-Kummissjoni dwar il-progress tiegħu. Sabiex jiġu żgurati sforzi sostnuti biex titnaqqas il-frodi fil-baġit tal-UE, l-OLAF se jaħdem mad-dipartimenti u l-Aġenziji eżekuttivi tal-Kummissjoni biex jiżgura li l-azzjonijiet rilevanti jkunu riflessi fl-istrateġiji kontra l-frodi, fil-pjanijiet ta' ġestjoni u fir-rapporti annwali tal-attività fil-livell ta' servizzi.

Kull sena, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE u lill-pubbliku dwar il-miżuri li ttieħdu fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE, inkluż dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. L-indikaturi se jiġu żviluppati internament biex jinżamm rekord tal-progress.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tiżgura li r-riżultati tal-azzjonijiet biex tiġi indirizzata l-frodi jsiru disponibbli għall-pubbliku. Dan għandu jikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja tan-nies fl-istituzzjonijiet tal-UE u jiġi żgurat li l-ġlieda kontra l-frodi tibqa' fuq quddiem fl-aġenda politika tal-UE.

Il-pjan ta' azzjoni rivedut se jiġi implimentat fl-2023-2026 u jista' jiġi emendat, jekk ikun meħtieġ.